

32001R2133

31.10.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 287/12

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2133/2001**tat-30 ta' Ottubru 2001**

li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti tat-tariffa tal-Komunità u limiti tat-tariffa fis-settur taċ-ċereali u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1897/94, (KE) Nru 306/96, (KE) Nru 1827/96, (KE) Nru 1970/96, (KE) Nru 1405/97, (KE) Nru 1406/97, (KE) Nru 2492/98, (KE) Nru 2809/98 u (KE) Nru 778/1999

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Billi:

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 tat-30 ta' Ġunju 2000 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1666/2000 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/582/KE ta' l-20 ta' Diċembru 1995 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambji ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropeja, minn naħa 'l waħda, u r-Repubblika ta' l-Islanda, ir-Renju tan-Norveġja u l-Konfederazzjoni Svizzera, minn naħa 'l oħra, li tikkonċerna ċerti prodotti agrikoli ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1095/96 tat-18 ta' Ġunju 1996 dwar l-implimentazzjoni tal-konċessjonijiet imniżżla fl-Iskeda CXL imħejjija bħala riżultat tal-konklużjoni tan-negożjati tal-GATT XXIV.6 ⁽⁴⁾, u m'mod partikolari l-Artikolu 1 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1706/98 tal-20 ta' Lulju 1998 dwar l-arranġamenti li japplikaw għal prodotti u oġġetti agrikoli li jirriżultaw mill-proċessar ta' prodotti agrikoli li joriġinaw fl-Istati Afrikani, tal-Karibbew u tal-Paċifiku (Stati ACP) u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 715/90 ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 30 miġjub fih,

Wara li kkunsidrat r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1727/2000 tal-31 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi ċerti konċessjonijiet fil-għamla ta' kwoti tat-tariffa tal-Komunità fuq ċerti prodotti agrikoli u li jipprovdi għal aġġustament, bħala miżura awtonoma u transitorja, għal ċerti konċessjonijiet agrikoli provduti bil-Ftehim Ewropew ma' l-Ungerja ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2290/2000 tad-9 ta' Ottubru 2000 li jistabbilixxi ċerti konċessjonijiet fil-għamla ta' kwoti tat-tariffa tal-Komunità fuq ċerti prodotti agrikoli u li jipprovdi għal aġġustament, bħala miżura awtonoma u transitorja, għal ċerti konċessjonijiet agrikoli provduti bil-Ftehim Ewropew mal-Bulgarija ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 jippreskrivi d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità ⁽⁸⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 993/2001 ⁽⁹⁾, ikkodifika r-regoli għall-amministrazzjoni tal-kwoti tat-tariffa maħsuba biex jintużaw billi jsegwu l-ordni kronoloġiku tad-dati tad-dikjarazzjonijiet doganali għas-sorveljanza ta' importazzjonijiet preferenzjali.
- (2) Fl-interessi ta' simplifikazzjoni u bil-ħsieb tal-volum żgħir ta' xi wħud mill-kwoti u l-limiti provduti fid-Deċiżjoni 95/582/KE, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/126/KE tas-6 ta' Diċembru 1996 li jikkonċernaw il-konklużjoni ta' ftehim bejn il-Komunità Ewropeja, minn naħa 'l waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern responsabbli mill-gżejjer Faroe, minn naħa 'l oħra ⁽¹⁰⁾ u r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1095/96, (KE) Nru 1706/98, (KE) Nru 1727/2000 u (KE) Nru 2290/2000, Regolamenti (KEE) Nru 2454/93 għandhom japplikaw wkoll għal daww il-kwoti u limiti.
- (3) Għal raġunijiet amministrattivi, numru tas-serje ġdid għandu jiġi mgħoti lil kull wieħed mill-kwoti u l-limiti konċernati.
- (4) Sabiex tiġi żgurata t-tmexxija effettiva ta' ċerti kwoti u limiti koperti minn dan ir-Regolament, ċertifikat li jiċċertifika l-oriġini ta' l-oġġetti għandu jinħtieġ.
- (5) Bil-ħsieb tal-kwalità tal-qamħ meħtieġ għall-kwota Nri 09.0074 u 09.0075, l-awtoritajiet doganali għandhom jivverifikaw il-konformità mal-ħtiġijiet ta' kwalità qabel ma' jingħata l-intitolament għall-kwota. Biex jiġi żgurat li dawn il-kwoti jkunu mmexxija effettivament, sistema ta' sigurtajiet għandha tiġi ntrodotta.
- (6) Jekk il-limiti koperti minn dan ir-Regolament jintlaħqu matul sena partikolari, il-Kummissjoni tista' terġa' tintroduċi, permezz ta' Regolament, l-impożizzjoni ta' dazji doganali normali mnaqqsa b'50 %.

⁽¹⁾ ĠU L 181, 01.07.92, p. 21.

⁽²⁾ ĠU L 193, 29.07.00, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 327, 30.12.95, p. 17.

⁽⁴⁾ ĠU L 146, 20.06.96, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 215, 01.08.98, p. 12.

⁽⁶⁾ ĠU L 198, 04.08.00, p. 6.

⁽⁷⁾ ĠU L 262, 17.10.00, p. 1.

⁽⁸⁾ ĠU L 253, 11.10.93, p. 1.

⁽⁹⁾ ĠU L 141, 28.05.01, p. 1.

⁽¹⁰⁾ ĠU L 53, 22.02.97, p. 1.

- (7) L-applikazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru No 2454/93 għal dawn il-kwoti u limiti tagħmel mhux meħtieġa ir-regoli dettaljati ta' implimentazzjoni li jirrigwardjawhom prekritti fir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1897/94 ⁽¹⁾, (KE) Nru 306/96 ⁽²⁾, (KE) Nru 1827/96 ⁽³⁾, 1970/96 ⁽⁴⁾, (KE) Nru 1405/97 ⁽⁵⁾, (KE) Nru 1406/97 ⁽⁶⁾, (KE) Nru 2492/98 ⁽⁷⁾, (KE) Nru 2809/98 ⁽⁸⁾ u (KE) Nru 778/1999 ⁽⁹⁾. Dawk ir-Regolamenti għandhom għalhekk jitħassru b'effett mid-dati li fihom d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jibdedu jgħoddu.
- (8) Il-Kumitat ta' Ġestjoni taċ-Ċereali ma tax opinjoni fil-limitu taż-żmien stabbilit mill-President tiegħu,

3. Il-prodotti importati taħt kwota tat-tariffa 09.0689 għandhom jiġu rilaxxati f'ċirkolazzjoni ħielsa fuq presentazzjoni ta' ċertifikat EUR.1 ta' ċaqliq maħruġ mill-pajjiż ta' esportazzjoni skond l-Anness IV għall-Protokoll 3 għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa 'l waħda, u l-Gvern tad-Denimarka u l-Gvern Responsabbli mill-Gżejjer Faroe, minn naħa 'l oħra, jew alternattivament dikjarazzjoni fuq il-fattura maħruġa skond dak il-Ftehim.

4. Prodotti importati taħt kwota tat-tariffa 09.1633 u l-limiti tat-tariffa elenkati fl-Anness III li jinsab ma' dan ir-Regolament għandhom jiġu rilaxxati f'ċirkolazzjoni ħielsa fuq presentazzjoni ta' ċertifikat EUR.1 taċ-ċaqliq jew dikjarazzjoni fuq il-fattura maħruġa mill-pajjiż ta' esportazzjoni skond il-Protokoll 1 li jinsab ma' l-Anness V tal-Konvenzjoni ACP-EC.

ADOPTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 3

Artikolu 1

1. Il-kwoti tat-tariffa elenkati fl-Anness I għandhom jinfetħu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju għal kull sena tas-suq mill-1 ta' Lulju 2002.
2. Il-kwoti tat-tariffa elenkati fl-Anness II għandhom jinfetħu għal kull sena kalendarja mill-1 ta' Jannar 2002.
3. Il-limiti tat-tariffa elenkati fl-Anness III għandhom jinfetħu għal kull sena kalendarja mill-1 ta' Jannar 2002.

Artikolu 2

1. Il-prodotti importati taħt kwoti tat-tariffa 09.5716 u 09.5732 għandhom jiġu rilaxxati f'ċirkolazzjoni ħielsa fuq presentazzjoni ta' ċertifikat EUR.1 ta' ċaqliq maħruġ mill-pajjiż ta' esportazzjoni skond il-Protokoll 4 għal Ftehim Ewropew konkluż ma' dak il-pajjiż, jew alternattivament dikjarazzjoni fuq il-fattura maħruġa skond dak il-Protokoll.
2. Il-prodotti importati taħt kwota tat-tariffa 09.0779 għandhom jiġu rilaxxati f'ċirkolazzjoni ħielsa fuq presentazzjoni ta' ċertifikat EUR.1 ta' ċaqliq maħruġ mill-pajjiż ta' esportazzjoni skond l-Anness IV għal Ftehim bilaterali konkluż ma' dak il-pajjiż, jew alternattivament dikjarazzjoni fuq il-fattura maħruġa skond dak il-ftehim.

1. Sabiex tiġi żgurata l-kwalità tal-prodotti importati taħt kwoti tat-tariffa 09.0074 u 09.0075, eliġibiltà għad-dazju ta' importazzjoni zero għandha tkun kondizzjonali fuq importaturi li jiddepożitaw, b'żieda ma' xi sigurtà meħtieġa taħt l-Artikolu 248 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, sigurtà ta' importazzjoni ta' 5 EUR għal kull tunellata metrika ma' l-awtoritajiet kompetenti fil-ġurnata li hija aċċettata d-dikjarazzjoni għar-rilaxx f'ċirkolazzjoni ħielsa.

2. L-awtoritajiet doganali għandhom jieħdu kampjuni rappreżentattivi ta' kull importazzjoni taħt kwota tat-tariffa 09.0075 bil-ħsieb li jitwettqu t-testijiet meħtieġa sabiex jiġi stabbilit li l-kwalità importata tikkonforma mal-kriterju ta' kwalità imsemmija fl-Anness IV. Jekk il-kwalità ma tkunx adegwata, għandu jiġi rrifjutat aċċess għall-kwota.

3. L-awtoritajiet doganali għandhom jieħdu kampjuni rappreżentattivi ta' kull importazzjoni taħt kwota tat-tariffa 09.0074 bil-ħsieb li jitwettqu t-testijiet meħtieġa sabiex jiġi stabbilit li l-kontenut vitriju tal-qamħa huwa 73 % jew aktar. Jekk il-kwalità ma tkunx adegwata, għandu jiġi rrifjutat aċċess għall-kwota.

4. Is-sigurtà ta' importazzjoni ta' 5 EUR kull tunnellata metrika msemmeja fil-paragrafu 1 għandha tiġi rilaxxata fir-rigward tal-kwantità ta' prodotti importati taħt kull kwota li hija konformi mal-kriterji msemmeja fil-paragrafi 2 u 3, skond il-każ. Jekk it-testijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 3 juru li l-kwalità tal-prodott importat hija taħt l-*istandard*, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1249/96 ⁽¹⁰⁾, għandu japplika. L-ammont ta' 5 EUR kull tunnellata metrika msemmeja fil-paragrafu 1 għandu jinżamm lura bħala penalità.

⁽¹⁾ ĠU L 194, 29.07.94, p. 4.

⁽²⁾ ĠU L 43, 21.02.96, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 241, 21.09.96, p. 23.

⁽⁴⁾ ĠU L 261, 15.10.96, p. 34.

⁽⁵⁾ ĠU L 194, 23.07.97, p. 7.

⁽⁶⁾ ĠU L 194, 23.07.97, p. 10.

⁽⁷⁾ ĠU L 309, 19.11.98, p. 35.

⁽⁸⁾ ĠU L 349, 24.12.98, p. 41.

⁽⁹⁾ ĠU L 101, 16.04.99, p. 36.

⁽¹⁰⁾ ĠU L 161, 29.06.96, p. 125.

Artikolu 4

1. Il-kwoti tat-tariffa msemija fl-Artikolu 1(1) u (2) għandhom jiġu amministrati mill-Kummissjoni skond l-Artikoli 308a, 308b u 308c tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

2. Il-limiti tat-tariffa msemija fl-Artikolu 1(3) għandhom ikunu is-suġġett ta' sorveljanza tal-Komunità mill-Kummissjoni b'kooperazzjoni mill-viċin ma' l-Istati Membri skond l-Artikolu 308d tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

Artikolu 5

1. Ir-Regolamenti (KE) Nru 1970/96, (KE) Nru 1405/97 u (KE) Nru 1406/97 u (KE) Nru 778/1999 għandhom jitħassru b'effett mill-1 ta' Lulju 2002.

2. Ir-Regolamenti (KE) Nru 1897/94, (KE) Nru 306/96, (KE) Nru 1827/96, (KE) Nru 2809/98 u (KE) Nru 2492/98 għandhom jitħassru b'effett mill-1 ta' Jannar 2002.

Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jgħodd mill-1 ta' Lulju 2002 għall-kwoti koperti mill-Artikolu 1(1) u mill-1 ta' Jannar 2002 għall-kwoti u l-limiti koperti mill-Artikolu 1(2) u (3).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-30 ta' Ottubru 2001.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membri tal-Kummissjoni

L-ANNESS I

Kwoti tat-tariffi b'perjodi ta' kwoti mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju

(NLF: nazzjon l-aktar favorit)

Nru fl-Ordni	Kodiċi NM	Deskrizzjoni ⁽¹⁾	Volum ta' kwota f'piż nett (tunnellati metriċi)	Dazju ta' kwota tat-tariffa	Oriġini
09.0071	1008 20 00	Qaraboċċ	1 300	7 EUR/t	Il-pajjiżi terzi kollha (erga omnes)
09.0074	1001 10 00	Il-qamħ duru	50 000	0	Il-pajjiżi terzi kollha (erga omnes)
09.5716	2309 10	Ikkel tal-klieb jew tal-qtates, imqegħda għall-bejgħ bl-imnut	15 540 ⁽²⁾	20 % ta' dazju ta' NLF	L-Ungerija
09.5732	2309 90 31 2309 90 41	Preparazzjonijiet ta' tip użati fl-għalf ta' l-animali	3 500	20 % ta' dazju ta' NLF	Il-Bulgarija

⁽¹⁾ Mingħajr preġudizzju għar-regoli ta' l-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Maqgħuda, il-kliem tad-deskrizzjoni tal-prodotti huwa kkonsidrat li m'għandux aktar mill-valur indikattiv, bit-trattament preferenzjali jiġi stabbilit, fil-kuntest ta' dan l-Anness, permezz tal-kopertura tal-kodiċi NM kif jeżisti fil-waqt ta' l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

⁽²⁾ Żieda ta' kull sena mill-1.7.2002: 1 415 tunnellata metrika:

L-ANNESS II

Kwoti tat-tariffi b'perjodi ta' kwoti mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru

(NLF: nazzjon l-aktar favorit)

Nru fl-Ordni	Kodiċi NM	Deskrizzjoni ⁽¹⁾	Volum ta' kwota f'piż nett (tunnellati metriċi)	Dazju ta' kwoti tat-tariffa	Oriġini
09.0072	2302 30 10 2302 30 90 2302 40 10 2302 40 90	Nuħħala, ponot u fdalijiet oħra ta' qamħ u ċereali oħra għajr qamħ ir-rum u ross	475 000	30,60 EUR/t 62,25EUR/t	Il-pajjiżi terzi kollha (erga omnes)
09.0075	1001 10 00 u 1001 90 99	Il-qamħ duru u qamħ komuni ta' kwalità li tissodisfa l-kriterji preskritti fl-Anness IV	300 000	0	Il-pajjiżi terzi kollha (erga omnes)
09.1633	1001 10 00 1001 90 91 1001 90 99 1002 00 00 1003 00 1004 00 00 1008	Qamħ duru Qamħ komuni Qamħ ieħor Segala Xgħir Ħafur Buckwheat, skalora, tritcale u ċereali oħra	15 000	50 % ta' dazju ta' NLF	Stati ta' ACP
09.0073	2309 90 31 2309 90 41 2309 90 51	Preparazzjonijiet ta' tip użat fl-għalf ta' l-annimali	2 800	7 % ad valorem	Il-pajjiżi terzi kollha (erga omnes)
09.0779	ex 2309 90 31	Tgħam għall-ħut	1 177	0	Norveġja
09.0689	ex 2309 90 10 ex 2309 90 31 ex 2309 90 41	Tgħam għall-ħut	10 000	0	Gżejjer Faroe

⁽¹⁾ Mingħajr preġudizzju għar-regoli ta' l-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Maqgħuda, il-kliem tad-deskrizzjoni tal-prodotti huwa kkonsidrat li m'għandux aktar minn valur indikattiv, bit-trattament preferenzjali jiġi stabbilit, fil-kuntest ta' dan l-Anness, permezz tal-kopertura tal-kodiċi NM kif jeżisti fil-waqt ta' l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament. Fejn kodiċi ex NM huma indikati, t-trattament preferenzjali għandu jiġi stabbilit permezz tal-kopertura tal-kodiċi NM u d-deskrizzjoni korrespondenti meħuda flimkien.

L-ANNEX III

Kwoti tat-tariffi b'perjodi ta' kwoti mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru

(NLF: nazzjon l-aktar favorit)

Nru fl-Ordni	Kodiċi NM	Deskrizzjoni ⁽¹⁾	Limitu f'piż nett (tunnellati metriċi)	Dazju applikabbli	Oriġini
120201	1007	Sorgu	100 000	40 % tad-dazju ta' NLF	Stati ta' l-ACP
120203	1008 20 00	Qaraboċċ	60 000	0	Stati ta' l-ACP

⁽¹⁾ Mingħajr preġudizzju għar-regoli ta' l-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Maqgħuda, il-kliem tad-deskrizzjoni tal-prodotti huwa kkonsidrat li m'għandux aktar minn valur indikattiv, bit-trattament preferenzjali jiġi stabbilit, fil-kuntest ta' dan l-Anness, permezz tal-kopertura tal-kodiċi NM kif jeżisti fil-waqt ta' l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

L-ANNEX IV

Kriterji minimu ta' kwalità għal qamħ importat taħt kwota Nru 09.0075 għal 300 000 tonnellata metrika ta' qamħ ta' kwalità miftuħa bir-Regolament (KE) Nru 1095/96

Kriterju ta' kwalità	Tip ta' qamħ	
	Qamħ duru	Qamħ komuni
	Kodiċi NM 1001 10 00	Kodiċi NM 1001 90 99
Piż speċifiku f'kg/hl aktar minn jew uguali għall-	80	78
Qmugħ li tilfu l-aspett vitriju tagħhom	Massimu 20,0 %	—
Materja li m'hijiex frak ta' qmugħ ta' kwalità bla mittiefsa, li minnu:	Massimu 10,0 %	Massimu 10,0 %
— qmugħ miksura u/jew imkemma	Massimu 7,0 %	Massimu 7,0 %
— qmugħ danneġġjati minn dud u nsetti qerrieda	Massimu 2,0 %	Massimu 2,0 %
— qmugħ affettwati minn fusarjosi u/jew qmugħ imżewwqa b'kuluri differenti	Massimu 5,0 %	—
— qamħ li jibda' jnibbet	Massimu 0,5 %	Massimu 0,5 %
Impuritajiet mixxellanji (Schwarzbesatz)	Massimu 1,0 %	Massimu 1,0 %
"In-numru li jaqa" ta' Hagberg	Minimu 250	Minimu 230
Kontenut ta' proteina (13,5 % kontenut ta' umidità)	—	Minimu 14,6 %